MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 2/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid jekk:

“Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ elf mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm1297.98) rapprezentanti s-sehem tieghu mill-ispejjez tal-kawza “Joseph Portelli vs Paul Portelli et” Citazzjoni Numru 29/91 deciza fl-ewwal (1) ta’ Dicembru 2000 u sussugwentament fl-appell fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Marzu 2004 u dana skond taxxi ufficjali rilaxxata mir-Registratur tal-Qorti, (Dok A u B) inkluz il-VAT, liema ammont gia’ thallas mill-attur ghan-nom tal-konvenut.

IL-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont , l-ispejjes ta’ l-ittra ufficjali spedita f’Dicembru 2004 u l-ispejjes ta’ din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

"Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt, fid-dritt u f'ekwita' u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-konvenut ma kienx parti minn dan l-appell u qatt ma nkariga lill-attur biex jintavola xi appell f'ismu u huwa kompletament estraneju ghal appell imsemmi u kwindi mhuwiex il-legittimu kontraddittur. U dan salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Sema' l-provi kemm f'din il-kawza kif ukoll f'dik fl-ismijiet Paul Portelli vs Rita Portelli, deciza minn dan it-Tribunal fit-13.06.05 li bi qbil bejn il-partijiet saret riferenza ghaliha

Ikkunsidra

Illi l-ammont mitlub mill-attur ghall-ispejjez tal-kawza *Joseph Portelli vs Paul Portelli et* jinkludi kemm l-ispejjez tal-prim'istanza kif ukoll dawk tal-appell. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-ispejjez tal-prim'istanza. A bazi tal-kalkoli maghmulin fil-kawza Paul Portelli vs Rita Portelli fuq imsemmija, jirrizulta li l-konvenut ghandu jhallas, bhala ko-werriet, is-somma ta' LM329.46c9 lill-attur.

Ghar-rigward tal-appell, l-attur isostni li kiseb il-kunsens tal-konvenut sabiex dan isir – haga li l-konvenut jichad bil-qawwa kollha. Jibqa' fuq l-attur, ghalhekk, il-piz li jipprova dak li qieghed jallega. L-attur jistqarr fl-affidavit tieghu a fol 16 f' Paul Portelli vs Rita Portelli, li l-appell gie ntavolat minnu u minn huh Peter Paul Portelli. Ma jelabora xejn izjed. Ma jghidx kif kiseb il-kunsens tal-konvenut biex isir l-appell. Jipproduci Dok PP1 li hija ricevuta rilaxxjata mir-Registratur f'isem il-konvenut ghall-ispejjez tal-prezentata tar-rikors tal-appell. Din izda mhix prova assoluta ghax jista' jkun li hallas l-attur u l-ircevuta harget fuq il-konvenut. Jirrizulta pero' li ghand l-avukat Dottor Carmelo Galea, mar l-attur wahdu sabiex isir l-appell. Ir-rikors tal-appell mar jipprezentah l-attur wahdu (ara deposizzjoni ta' Dr Carmelo Galea tal-24 ta' Gunju 2005 f'din il-kawza). Lill-avukat qallu li kien mar bil-karti tal-identita tieghu u ta huh, izda dan ma giex ikkonfermat, kif

seta' facilment jigi kkonfermat, mill-attur innifsu u ghalhekk jibqa' *detto del detto.* L-attur l-anqas ma ta' spjega kif giet fil-pussess tieghu il-karta tal-identita' ta' huh. Meta l-avukat Galea baghat ghall-konvenut biex jikkawtela l-appell, dan sostna li huwa ma kienx jaf bl-appell, u rrifjuta li jaghmel il-kawtela. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, it-Tribunal huwa kostrett japplika l-principju *actore non probante, reus absolvitur.*

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM329.46c9 bhala sehemu mill-ispejjez tal-kawza msemmija fl-avviz tat-talba. Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Dicembru 2004 jigu spartiti tlett kwarti mill-attur u kwart mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------